# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Johann J Fenech)**
**vs**
**Jeremie Galea**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jeremie Galea u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 579888M.

Akkuzat talli fl-14 ta' Mejju, 2018 u ghall-habta tal-20:45hrs fiz-Zejtun:

1. Hebb kontra Dylan German u Donnalise Grech sabiex jingurjahom, idejjaqhom, jew jaghmillhom l-hsara;
2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru DYL019 liema hsara ma' tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda hi izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-dannu ta' Dylan German (ID. Nru. 143494M).
3. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Donnalise Grech u Dylan German u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta fastidju ghal dawk il-persuni;

4. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9, meta kien jaf jew imissu kien jaf li bl-imgieba tieghu ser jikkaguna lil xi haddiehor hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;

Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkustanzi gewwa l-Fgura:
1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anne Grech skond kif iccertifika Dr Glen Micallef MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid;
2. Saq il-vettura ta' l-ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni DBX862 u ghadda kontra is-sinjal li jindika li ma' hemmx dhul (No Entry) bi ksur tar-Regolament 2 Taqsima II, Art. A (c), L.S.65.05, kif ukoll
3. Saq il-vettura imsemmija b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz, bi ksur tal-artikol 15(1)(a), (3) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Ma' obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku jew ma' hallewx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma' halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak lli haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-

artikoli 383, 384 u 385 ta' l-istess Kapitolu ghas-sigurta ta' Donnalise Grech u l-familja taghha kif ukoll ta' Dylan German, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 221, 222(1)(a), 251A, 251B, 325(1)(b), 338(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta,u r-regolament A(c) tat-Tieni Taqsima ta'l-Avviz Legali 94 tas-sena 1969, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn u qed tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kapitol 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lill-parte lez ais-somma ta' elf tmien mija u sbatax Euro u ghoxrin centezmu (€1,817.20). In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Dylan German, Donalise Grech u Anne Grech qed tpoggi lill-imputat taht

ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-iputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**